Verżjoni Elettronika

A.L. 124 tal-2024

ATT DWAR IL-PULIZIJA
(KAP. 164)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 82(2) u 101 tal-Att dwar il-Pulizija, il-Ministru responsabbli għall-pulizija, bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"Raba' Skeda". Kap.164.

Jemenda r-Raba' Skeda.

2. Minnufih wara s-subregolament (5) tar-regolament 14 tar-Raba' Skeda għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Fejn uffiċjal ikun ikkompleta ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz mal-Korp, ikun issodisfa wkoll il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 11 u jagħżel li jkompli jservi mal-Korp sussegwentement, l-imsemmi uffiċjal għandu jkun intitolat għall-pensjoni pagabbli mal-għeluq tal-ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz, minkejja kwalunkwe avveniment li jista' jseħħ matul il-perjodu sussegwenti għall-għeluq tal-imsemmija ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz u li jista' jagħti lok għall-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 11:

Iżda dan għandu jkun bla ħsara għall-possibbiltà tal-akkumalazzjoni ta' benefiċċji tal-pensjoni addizzjonali:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tar-regolament 11(2) għandhom japplikaw għall-pensjoni pagabbli lill-uffiċjali msemmija f'dan ir-regolament għall-perjodu sussegwenti għall-għeluq tal-imsemmija ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz.".